MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 67/2010

**AB**

**vs**

**Dr Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tas-6 ta' Mejju 2010 gew nominati bhala**
**kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrent, cittadin Tork u residenti hawn Malta, izzewweg lill-intimata C D fil-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004) (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala **DOK A**);

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma' kellhomx tfal;

3. Ili l-kunsens ta' l-intimata C D ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg;

4. Illi l-kunsens ta' l-intimata C D ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat ukoll minhabba li inkiseb bl-esklusjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

6. Illi l-intimata halliet il-pajjiz u r-rikorrent m'ghandux hjiel fejn qed tirrisjedi;

Talab in vista tar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet fuq imsemmi huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrent;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jipprezenta r-Risposta ulterjuri taghhom fi stadju ulterjuri

meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw ma l-assenti minnhom rapprezentat;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur u l-intimata datat il-15 ta' Gunju 2004 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Illi min-naha taghhom il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-intimata assenti eccepew li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

**<u>Il-verzjoni tal-attur</u>**

L-attur li huwa ta' nazzjonalita' Torka jghid li ilu jghix Malta sa' minn Novembru tas-sena 2002. Fis-sena 2003 iltaqa' mal-intimata li kienet ghadha qieghda tistudja. Kienet tqatta' hafna hin tistudja imma jghid li fl-istess hin kienet ta' sapport ghalih biex ikun jista' jidhra l-kultura Maltija filwaqt li hu kien jghinha finanzjarjament peress li kien jahdem u peress li l-konvenuta ftit li xejn kellha kuntatt mal-genituri taghha, tant li fix-xhieda tieghu *viva-voce* jiddikjara li l-intimata trabbiet f'istitut mas-sorijiet. L-attur jghid li ddecidew li jizzewgu f'qasir zmien izda ma jaghtix raguni ghala tali decizjoni ttiehdet daqshekk malajr. Jghid li bhala koppja qatt ma ddiskutew l-implikazzjonijiet taz-zwieg jew kif ser tkun il-hajja taghhom bhala mizzewgin anzi jghid li meta ipprova jgib id-diskors maghha fuq dan,

hi dawret l-argument fuq xi haga ohra. Jghid pero’ li peress li kien ferhan maggha, haseb li kienet idea tajba li jizzewgu.

Wara z-zwieg l-attur jghid li l-intimata kienet aktar mohha fl-istudju milli tqatta’ l-hin mieghu fid-dar matrimonjali. Jghid li kienet tqatta’ hin minimu d-dar u jikkontendi li kliemha kien ikun fis-sens li ma kellha ebda hsieb li tqatta’ l-bqija ta’ hajjitha ma’ ragel wiehed ghaliex dan ‘***boring***’ u fuq kollox kienet ghadha wisq zghira. L-attur spicca mdejjaq ghax it-tfajla li haseb li zzewweg kienet inbidlet minn dik it-tfajla li kien jaf qabel iz-zwieg. Jghid li bhala koppja mizzewga huma qatt ma ghamlu dawk l-affarijiet normali li koppja mizzewga jaghmlu flimkien bhal per ezempju jiddiskutu l-problemi, jitkellmu jew ikollhom ‘***a normal sexual relationship***’ (fol. 33 tal-process). Wara li telqet mill-iskola, l-intimata qabdet u marret l-Ingilterra biex tistudja minghajr ma qalet xejn lill-attur zewgha imma meta l-attur kellimha fuq it-*telephone* induna li kienet ferhana u ecitata li qieghda gewwa l-Ingilterra. Il-fatt li qaltlu li kellha intenzjoni li tibqa’ l-ingilterra ghal zmien sentejn xejn ma ghogbu imma kien jaf li l-intimata ma kienitx lesta li tghix mieghu bhala martu. L-attur haseb li wara li tlesti l-kors, kienet ser terga’ tigi lura ghal dik il-persuna ta’ qabel u tigi lura biex tipprova ssalva z-zwieg taghhom. Il-partijiet ghamlu zmien jghixu f’pajjizi differenti ghalkemm ghall-attur dan kien pjan temporanju. Izda maz-zmien l-intimata bdiet anke tevita li tirrispondi t-*telephone* sa’ ma’ darba fost l-ohrajn qaltlu wkoll li kellha lil xi hadd iehor u li riedet tibqa’ tghix l-Ingilterra b’mod permanenti. L-attur jghid li l-intimata stqarret mieghu li ma riditx li jisseparaw ghaliex dan kien ‘***hassle***’ izda tali decizjoni da parti taghha kienet wahda inaccettabbli ghall-istess attur li min-naha kien irrabjat ghall-agir tal-intimata u fl-istess hin ried li b’xi mod jerga’ jibni hajtu mill-gdid. L-attur jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li l-intimata qatt ma hadet iz-zwieg serjament, ma kienitx preparata ghall-hajja mizzewga u ma kienitx tifhem l-obbligi u d-drittijiet naxxenti miz-zwieg tant li l-attur permezz tax-xiehda tieghu *viva voce* jiddikjara li l-partijiet qatt ma ddiskutew il-possibilita’ li jkollhom l-ulied ghalkemm gieli tkellmu illi jkollhom l-ulied fil-futur.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet  zzewgu nhar il-15 ta’ Gunju 2004 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-Qorti tirrileva li l-unika xhud li gie prodott fil-proceduri odjerni huwa precizament l-attur u hadd aktar izda l-Qorti trid necessarjament tiddeciedi l-kawza odjerna skond il-provi migjuba quddiemha. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu l-attur jikkontendi li l-bazi ghat-talba tieghu ddur fuq il-fatt li l-intimata kellha disinteress totali fiz-zwieg u fil-hajja mizzewga tant li darba fost l-ohrajn ddecidiet li taqbad u tabbanduna d-dar matrimonjali u lil zewgha. L-attur jargumenta wkoll li dan in-nuqqas ta’ interess kompla jimmanifesta ruhu mill-fatt li l-intimata lanqas biss kienet interessata li tipprova tikkonkludi s-separazzjoni taghha minn mal-attur. Il-Qorti trid tara jekk dawn in-nuqqasijiet u dan id- disinteress fiz-zwieg u fil-hajja mizzewga iwasslux ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg.

Illi f’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta’ xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

“***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tax-xiehda tal-attur il-Qorti thoss li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'ghaggla li ghaliha l-attur baqa' ma tax raguni hlief ghall-fatt li l-intimata ma kellha ebda komunikazzjoni mal-genituri taghha izda mill-provi jirrizulta wkoll li din l-ghaggla zejda ma kienitx ir-raguni ghaliex dan iz-zwieg ma rnexxiex. Jidher li l-problema principali kienet l-istess intimata li dahlet ghal dan iz-zwieg minghajr ma hasbet xejn dwar il-konsegwenzi taz-zwieg. Il-fatt li l-intimata baqghet tghix l-istess hajja ta' qabel, tistudja u tohrog tard minghajr ma taghti ebda kaz ta' zewgha u fuq kollox il-fatt li l-intimata baqghet tiehu decizjonijiet b'mod unilaterali juri wkoll kemm l-istess intimata ma kienitx tirrealizza li z-zwieg minnu nnifsu iwassal ghall-obbligu ta' komunikazzjoni u ftehim dwar decizjonijiet importanti. Jidher li dan qatt ma ezista bejn il-konjugi. Sfortunatament il-Qorti ma tistax tidhol fil-kwistjoni dwar x'wassal lill-intimata sabiex tidhol ghal dan iz-zwieg pero' dak li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda tal-attur huwa l-fatt li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg bhal li kieku dan ma kienx xi pass importanti f'hajjitha u bhal li kieku hajjitha setghet tibqa' l-istess kif kienet qabel iz-zwieg. Dan kollu juri illi l-kunsens tal-intimata kien vizzjat.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-intimata inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-partijiet fattwalment m'ghandhomx ulied, dan bl-ebda mod ma jista' jigi interpretat li jfisser li l-intimata eskludiet il-prolazzjoni tal-ulied. Il-Qorti trid tkun moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimata ghamlet simulazzjoni taz-zwieg jew ta' xi wiehed mill-elementi taz-zwieg sabiex tkun tista' tasal ghal decizjoni ta' nullita' abbazi ta' dan l-artikolu.

Illi fil-kaz odjern kien necessarju li l-attur jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimata eskludiet wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li jinkludi fost ohrajn il-prolazzjoni tal-ulied u d-dritt tal-att taz-zwieg. Dan qieghed jinghad fil-kuntest li l-attur jiddikjara li frott ta' dan iz-zwieg ma twieldux ulied kif ukoll minhabba l-fatt li huwa jiddikjara li bejniethom ma kienx hemm '***a normal sexual relationship***' pero' ma jelaborax dwar jekk in-nuqqas ta' ulied kienx frott ta' xi decizjoni arbitrarja li hadet l-intimata jew ghal xi raguni ohra. L-istess jista' jinghad dwar il-lanjanza tal-attur fis-sens li l-Qorti ma tistax tghid b'certezza jekk dak li qed jghid l-attur bl-aktar mod kazwali huwiex fil-verita' lanjanza li l-intimata cahditu mid-dritt tal-att taz-zwieg. Il-Qorti thoss li l-attur ma rnexxilu jgib ebda prova dwar xi forma ta' simulazzjoni li setghet ikkommettiet l-intimata u ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ma tistax issib bazi ghal dikjarazzjoni ta' nullita' abbazi ta' dan l-istess artikolu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi, a termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------